MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 255/1997/2

**Pietru Pawl Borg u martu Nancy Borg**

**vs**

**L-Awtorita` ta' l-Ippjanar u l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti;**

**I PRELIMINARI**

1. Dana huwa appell li qed isir mill-Awtorita` tal-Ippjanar minn decizjoni in parte moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex Superjuri) fis-16 ta' Mejju 2000 li biha giet michud eccezzjoni dwar nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' l-

istess Qorti. Ghall-ahjar zvolgiment ta’ din is-sentenza, id-decizjoni appellata sejra tigi riprodotta kollha kemm hi, billi din, apparti l-motivazzjoni tac-cahda tal-eccezzjoni imsemmija, tikkontjeni t-taghrif necessarju dwar it-talbiet tal-atturi u eccezzjonijiet tal-konvenuti.

2. Is-sentenza appellata taqra hekk:
“Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fis-17 ta’ Dicembru 1997 fejn wara li ppremettew illi:

Huma proprjetarji ta’ kamra fl-inhawi maghrufa bhala ta’ Dahlet Qorrot, fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex;

U illi din il-kamra li sservi bhala boathouse bl-ebda mod ma thassar l-ambjent tant li hija mibnija taht il-livell tat-trab b’mod li jidher biss il-bieb taghha u tinstab biswit ghadd konsiderevoli ta’ kmamar ohra li lkoll inghataw il-permessi mehtiega mill-konvenuta l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar jew il-predecessur taghha filwaqt li fuq ir-rih ta’ l-istess boathouse ta’ l-atturi giet kostruwita kamra ohra li qeghda ’l fuq mill-livell tat-trab;

U illi l-konvenuta Awtorita` ta’ l-Ippjanar irrifjutat li tohrog il-permessi mehtiega ghall-kamra ossia boathouse ta’ l-atturi ghalkemm inhargu l-permessi ghall-boathouses kif fuq inghad u li huma fl-istess inhawi u ambjent li fih qeghdha l-boathouse ta’ l-atturi filwaqt li rrifjutat li taghmel investigazzjonijiet dwar il-permessi li jista’ ghandu o meno sid il-kamra li qeghdha fuq ir-rih kif fuq inghad u l-konvenuti di piu` issa qeghdin jiehdu passi kriminali kontra l-attur permess tal-kawza fl-ismijiet “Il-Pulizija versus Peter Paul Borg” pendenti quddiem il-Qorti (Ghawdex) Gudikatura Kriminali liema kawza tinstab differita ghas-sentenza;

U illi minhabba l-agir arbitrarju tal-konvenuti gew kkawzati danni lill-atturi;

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi d-decizjoni ta’ rifjut tal-permess fuq imsemmi kif ukoll il-prosekuzzjoni kontra l-atturi jikkostitwixxu abbuz tas-setgha ta’ l-Awtorita` publika billi dawn saru ghall-ghanijiet mhux xierqa u kienu bazati fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevati, u ghalhekk huma nulli u bla effett u ghandhom jigu revokati.

2. Tikkundanna lill-konvenuti ghall-hlas tad-danni a bazi ta’ l-Artikoli 469 (A) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni, inkluzi l-ispejjez ta’ l-ittra ufficjali ta’ Novembru 1997.

Rat l-eccezzjonijiet ta’ l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar fejn eccepiet:

Preliminarjament in-nuqqas ta’ gurisidizzjoni ta’ dina l-Onorabbli Qorti stante gurisprudenza illum kostanti tal-Qrati nostrana fejn gie ritenut li biex wiehed jikkontesta r-rifjut ta’ permess ghal zvilupp dan huwa kamp esklussivament tal-Bord ta’ l-Appelli dwar l-Ippjanar u mhux tal-Qrati ordinarji u ghalhekk dan ghandu jsir permess ta’ appell quddiem l-imsemmi Bord ta’ l-Appell u mhux permezz ta’ citazzjoni fil-Qrati Civili kif attwalment ghamlu l-atturi.

Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intempestivita` ta’ l-azzjoni ta’ l-atturi stante li l-istess atturi fid-9 ta’ Dicembru 1997 ssottomettew applikazzjoni (PA7022/97) ma’ l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar biex proprju jissanzjonaw il-kamra li sservi bhala boathouse in kwistjoni u liema applikazzjoni ghadha pendenti, minn liema decizjoni (rigwardanti l-ezitu ta’ l-istess applikazzjoni) f’kaz favorevoli l-applikant dejjem ghandu rikors ghall-appell quddiem il-Bord ta’ l-Appell u sussegwentement ghandu wkoll ir-rimedju ta’ appell quddiem l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fuq punt ta’ ligi deciz mill-istess Bord ta’ l-Appell.

Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jirrileva li filwaqt li huwa minnu li fl-inhawi inhargu permessi lil terzi gialadarba jirrizulta li l-

permess in kwistjoni inhareg mill-PAPB fl-1981 u mhux mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar, l-esponenti jissottometti li l-Awtorita` ta' l-Ippjanar ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li hi qatt ma harget permessi ghal boathouses fl-inhawi. Inoltre, dan qed jigi sottomessi principalment a bazi ta' gurisprudenza illum kostanti mill-Qrati nostrana fejn ormai gie stabbilit li l-Awtorita` ta' l-Ippjanar mhijiex is-successura awtomatika fl-obbligi u fid-drittijiet skond il-ligi ta' l-PAPB hlief ghal dawk il-permessi li l-operat taghhom kien ghadu validu meta effettivament twaqqfet l-Awtorita` li fil-kaz in ezami certament ma japplikax.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, ghar-rigward tal-mertu ghandu jigi rilevat li l-atturi kienu issottomettew applikazzjoni (PB 1393/90) fl-1990 biex jissanzjonaw tali kamra li sservi ta' boathouse lill-PAPB, liema applikazzjoni kienet rifjutata mill-istess PAPB fit-2 ta' Lulju 1990.

Illi ghar-rigward il-premessa li l-proceduri kriminali istitwiti kontra l-atturi gew istitwiti b'abbuz ta' poter u b'agir arbitrarju, jirrizulta li sal-lum il-gurnata l-kamra in kwistjoni ghadha mhijiex koperta b'permess ta' zvilupp, u dan kif ser jigi ampjament pruvat fit-trattazzjoni tal-kawza, u ghalhekk ghandu jirrizulta li l-proceduri kriminali istitwiti kontra l-attur fic-cirkostanzi huma altru li ggustfikati stante li l-Awtorita` ta' l-Ippjanar qed taqdi l-obbligi u l-funzjonijiet taghha skond il-ligi.

Illi ghal rigward l-allegazzjoni li l-Awtorita` infurmat lill-atturi li ma setghux japplikaw ghall-permess relattiv, l-esponenti jirrileva li tali allegazzjoni hija kompletament skorretta stante li d-dritt li wiehed japplika ghall-permess ta' zvilupp huwa in effetti dritt salvagwardjat bil-ligi fejn l-ebda Awtorita` jew entita` ohra ma ghandha l-jedd jew is-setgha li ccahhad lic-cittadin minn tali dritt. Di fatt, jirrizulta illi l-atturi ssottomettew applikazzjoni (PA7022/97) fid-9 ta' Dicembru 1997 lill-Awtorita` ta' l-Ippjanar biex jissanzjonaw il-kamra in kwistjoni liema applikazzjoni jirrizulta li ghadha pendenti.

Illi ghaldaqstant ma ghandhomx jintlaqghu t-talbiet ta’ l-atturi fil-konfront ta’ l-istess Awtorita` ta’ l-Ippjanar.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez komprizi dwak ta’ l-ittra ufficjali tas-16 ta’ Jannar 1998.

Rat l-eccezzjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija fejn eccepixxa:

1. Illi in kwantu fl-ewwel talba tieghu fic-citazzjoni odjerna l-attur qieghed jipprova jimpunja prosekuzzjoni kontra tieghu fil-Qorti ta’ Gurisdizzjoni Kriminali, l-istess talba taqa’ barra l-gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti peress illi hija l-Qorti ta’ kompetenza kriminali li ghandha gurisdizzjoni li tiddeciedi l-validita` o meno tal-prosekuzzjoni u mhux il-Qorti Civili.

2. Illi kwantu ghall-kumplament tat-talba, din tikkoncerna l-hrug ta’ permess ghall-izvilupp li ma jaqax fil-kompetenza ta’ l-esponent.

3. Illi inoltre, stante li l-azzjoni qed tipprova twaqqaf proceduri kriminali hija infondata fil-fatt u fid-dritt billi d-diskriminazzjoni li ghaliha qed jirreferi l-attur – anke jekk provata – (haga li l-esponent ma jammettix) qatt ma tista` twassal biex wiehed jiggustifika l-agir illegali ta’ l-attur.

4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, li l-azzjoni ta’ l-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-agir ta’ l-Awtorita` pubblika ma kienx wiehed abbuziv.

5. Illi ghar-ragunijiet fuq imsemmija, l-esponent m’ghandu jbati ebda spejjez u wisq anqas m’ghandu jhallas xi tip ta’ danni.

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi bil-verbal tas-seduta ta’ l-14 ta’ Marzu 2000 din il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza.

Pero` jidher illi mill-verbal tat-8 ta’ April 1998 a fol 67 din il-kawza kienet qed tigi differita kontinwament ghall-prezentati ta’ noti ta’ l-osservazzjonijiet dwar l-eccezzjoni preliminari imqajma mill-Awtorita` ta’ l-Ippjanar. Infatti n-noti u risposta kollha tal-partijiet iduru dwar din il-kwistjoni ta’ gurisdizzjoni u ghalhekk il-Qorti trid tiehu dan il-verbal, tal-14 ta’ Marzu 2000, fejn il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza referibilment ghall-eccezzjoni ta’ gurisdizzjoni imqajma mill-konvenuta Awtorita` ta’ l-Ippjanar.

Ikkunsidrat:

Illi b’din l-eccezzjoni preliminari, l-konvenut Chairman, Awtorita` ta’ l-Ippjanar, qed iqajjem kwistjoni dwar in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti presumibilment li tissindika decizjonijiet moghtija mill-istess Awtorita` ta’ l-Ippjanar.

F’din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu lil din il-Qorti li tiddikjara decizjoni ta’ rifjut tal-permess mitlub kif jidher fil-korp tac-citazzjoni liema rifjut jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta’ l-awtorita` pubblika billi dawna setghu saru ghall-ghanijiet mhux xierqa u kienu bbazati fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti. Qed jigi allegat illi dan ir-rifjut jaffetwa direttament id-drittijiet ta’ l-atturi.

Dwar din il-kwistjoni ta’ gurisidzzjoni jidher illi hemm kunflitt fil-Qrati taghna dwar sa fejn id-decizjonijiet tal-Bord ta’ l-Ippjanar huma sindikabbli quddiem il-Qrati ordinarji. Per ezempju b’sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fl-24 ta’ Gunju 1998 fl-ismijiet “Joseph Difesa versus Planning Authority”, il-Qorti ta’ l-Appell kienet qalet illi l-gurisdizzjoni taghha biex tissindika decizjonijiet ta’ l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar (dak iz-zmien PAPB) kien limitat ghal kwistjonijiet ta’ ligi biss decizi mill-istess Bord, kull konsiderazzjoni ohra kienet barra l-gurisdizzjoni tal-Qorti.

Il-Qorti Kostituzzjonali pero` jidher illi kellha veduti ohra. Fil-fatt f'decizjoni moghtija minn din il-Qorti fit-12 ta' Mejju 1997 f'kawza fl-ismijiet "Michelangelo Theuma versus Chairman, Awtorita` ta' l-Ippjanar" il-Qorti Kostituzzjonali qalet illi kellha l-poter illi tissindika l-operazzjonijiet ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar u iktar specifikament illi tara li l-hrug tal-permessi ghall-bini jkunu hargu b'mod gust. Dik il-Qorti kellha deskrizzjoni wiesa' u illimitata biex tipprovdi rimedju xieraq ghall-ksur tad-drittijiet umani u f'dan ir-rigward setghet tipprojbixxi lill-Awtorita` ta' l-Ippjanar milli tohrog xi permessi.

Min-naha l-ohra imbaghad ricentement ghandha s-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Mejju 1998 f'kawza fl-ismijiet "Bunker Fuel Oil Company Limited versus Paul Gauci u Planning Authority" fejn il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat illi l-Qorti Civili ta' Malta ghandha l-gurisdizzjoni biex tistharreg il-validita` ta' xi ghemil amministrattiv u din hija certament estiza ghal decizjonijiet ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar fl-ghoti ta' permessi.

Fil-fehma tal-Qorti ta' l-Appell l-artikoklu 469(A) tal-Kap. 12, biex jigi interpretat gustament, m'ghandux jinghata interpretazzjoni restrittiva. L-eskluzzjoni tal-gurisdizzjoni tal-Qrati biex tistharreg l-ghemil amminstrattiv tkun gustifikata biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta li fil-prattika persuna kellha rimedju effikaci u adegwat verament disponibbli ghaliha u hija irragonevolment ma tutilizzax tali proceduri disponibbli. Fil-kawza fuq imsemmija l-Qorti ta' l-Appell kienet cahdet eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni imqajma mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar u ordnat li l-atti jitbaghtu lura lill-Ewwel Qorti sabiex il-kawza titkompla skond il-ligi.

Fid-dawl ta' dan it-taghlim, kwindi, ma hemmx dubbju illi din il-Qorti ghandha l-gurisdizzjoni illi tissindika l-agir ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar u tqis illi tali agir ma jkunx *ultra vires* jew irragjonevoli almenu zgur ghal dak li jirrigwarda l-ewwel parti ta' l-ewwel talba ta' l-atturi. Ghal dak illi jirrigwarda l-mertu l-Qorti thalli dan il-kap inpregudikat sakemm tisma' l-provi migjuba mill-partijiet.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi ghal dak li jirrigwarda l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti din il-Qorti tiddikjara li ghandha l-gurisdizzjoni rikjesta biex tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza u ghalhekk tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari imqajma mill-konvenut Charman Awtorita` ta' l-Ippjanar.

Spejjez riservati."

**<u>II L-APPELL</u>**

3. L-Awtorita` ta' l-Ippjanar ("l-appellanti"), talbet u ottjeniet minghand l-ewwel Onorabbli Qorti l-awtorizazzjoni necessarja sabiex tinterponi appell minn din is-sentenza parzjali quddiem dina l-Qorti. Fl-appell taghha, l-appellanti argumentat li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat kemm tal-ligi u kemm ukoll tal-fatti u talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka l-istess sentenza preliminari appellata, b'mod li jigi dikjarat li dik l-ewwel Qorti m'ghandhiex il-gurisdizzjoni biex tibqa' tisma u tiddeciedi l-kawza odjerna.

4. L-atturi Pietru Pawl Borg u martu Nancy Borg ("l-appellati") fir-risposta tal-appell taghhom sostnew li s-sentenza parzjali moghtija mill-ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma u dan ghal ragunijiet li huma esponew fl-istess risposta taghhom. Ghalhekk huma talbu li din il-Qorti joghgobha tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

5. Fil-process ma jidhirx li hemm ebda risposta bil-miktub da parti tal-konvenut, il-Kummissarju tal-Pulizija. Mill-verbali tas-seduti mizmuma minn din il-Qorti, jirrizulta li dan il-konvenut ma deherx ghall-istess seduti kif lanqas deher id-difensur tieghu.

**<u>III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

6. Ghalkemm il-partijiet ghadhom ma ressqux provi, pero` din il-Qorti gabret is-segwenti taghrif mill-atti processwali li sejra tpoggih f'ordni kronologiku:

a) L-attur jallega li huwa proprjetarju ta’ kamra fl-inhawi maghrufa bhala ta’ Dahlet Qorrot, fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex. Din il-kamra isservi bhala boathouse u hija mibnija taht il-livell ta’ trab b’mod li jidher biss il-bieb taghha. Fil-vicinanzi ta’ din il-boathouse hemm kmamar ohra simili li l-atturi jallegaw li inghatawlhom permess.

b) L-Awtorita` ta’ l-Ippjanar tallega li l-atturi kienu ssottomettew applikazzjoni fis-sena 1990 biex jissanzjonaw din il-boathouse. Din l-applikazzjoni kienet iggib in-numru PB1393/90, liema applikazzjoni kienet giet rifjutata mill-Planning Area Permits Board fit-2 ta’ Lulju 1990.

c) Kienu ttiehdu passi kriminali kontra l-attur Peter Paul Borg quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gudikatura Kriminali in konnessjoni ma’ din il-boathouse. Il-kawza in kwistjoni cioe` “Il-Pulizija vs Peter Paul Borg” kienet tinsab differita ghas-sentenza f’Dicembru 1997.

d) L-Awtorita` ta’ l-Ippjanar tallega illi l-atturi issottomettew applikazzjoni li ggib in-numru PA7022/97, fid-9 ta’ Dicembru 1997 li biha talbu lill-Awtorita` ta’ l-Ippjanar biex tissanzjonalhom il-boathouse in kwistjoni.

e) Fis-17 ta’ Dicembru 1997, l-atturi intavolaw l-odjerna kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri. B’din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu li l-imsemmija Qorti tiddikjara li d-decizjoni ta’ l-Awtorita ta’ l-Ippjanar li tirrifjuta li tohrog permess ta’ l-izvilupp ghall-boathouse imsemmija kif ukoll il-prosekuzzjoni ta’ passi kriminali kontra l-atturi jikkostitwixxu abbuz tas-setgha ta’ l-awtorita` pubblika billi dawn saru ghal ghanijiet mhux xierqa u kienu bbazati fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti u ghalhekk huma nulli u bla effett u ghandhom jigu revokati. Inoltre, l-atturi qeghdin jitolbu l-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tad-danni konsegwenzjali a bazi ta’ l-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

f) Jidher li fil-21 ta’ April 1998, l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar irrifjutat li tohrog il-permess ta’ zvilupp mitlub mill-atturi ghall-boathouse in kwistjoni. Fl-4 ta’ Mejju 1998 sar

appell mill-Perit Teddie Busuttil ghan-nom ta’ l-atturi quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar minn dan ir-rifjut. Fl-appell tieghu l-Perit Busuttil *inter alia* jghid hekk:

“This boat-house has been built long before the Planning Authority was originated. It was built during the period when other boat-houses were being erected along the coastline. This boat-house should have the same fate as those built in Malta in the same period. It is not fair that my client by given a refusal and ordered to demolish this boat-house while those in Malta notwithstanding the efforts made, were not demolished and in fact are intact up to this date.

“According to structure Plan Policy REC 9 any structure on coastlines or adjacent areas, without building permits, will be served with eviction notices, requiring the removal of the structures within a period of three months and the restoration of the land to the satisfaction of the Planning Authority. Any structures remaining on these sites after the expiry of the notices will be demolished and the land restored at the occupier’s expense”. It is not fair that this method be imposed only on my client while other persons who have built boat-houses similar to that of my client will be treated differently. If this boat-house is demolished, the Planning Authority has the moral duty to act in the same manner with other owners of boat-houses.

From experience everyone knows that the boat-houses I am mentioning are not going to be demolished. So why is my client going to be treated in a different way?”

g) Jirrizulta li fis-seduta mizmuma mill-Bord Dwar l-Ippjanar fit-28 ta’ Lulju 2000, l-Avukat tal-appellat Borg esebixxa kopja tal-odjerna citazzjoni u talab lill-Bord jissorprassjedi sakemm tinghata d-decizjoni ta’ din il-Qorti ta’ l-Appell. Il-Bord laqa’ din it-talba u ghalhekk iddiferixxa l-appell in kwistjoni sine die b’dana li l-appellant stess jew l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar inghataw id-dritt li jitolbu lill-Bord biex ikompli jisma l-appell wara li tinghat decizjoni mill-Qrati ordinarji.

7. Jidher car li l-azzjoni odjerna tikkoncerna tentattiv biex il-Qrati ordinarji jistharrgu gudizzjarjament l-azzjonijiet amministrattivi li ttiehdu in konnessi mal-boat-house in kwistjoni kemm mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar u kemm ukoll mill-Kummissarju tal-Pulizija. Bhala tali, l-azzjoni odjerna taqa' fil-parametri tal-artikolu 469A tal-Kodici ta' Organinazzjoni u Procedura Civili (Kap 12), u partikolarment l-ewwel subartikolu tal-istess subartkolu, li jaghti lill-Qrati ordinarji l-gurisdizzjoni li jistharrgu l-validita` ta' xi ghemil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-ghemil null, invalidu u minghajr effett f'kazijiet specifici fosthom:
"Meta l-ghemil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz ta' setgha ta' l-awtorita` pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti."

8. Madanakollu, ghandu mill-ewwel jigi rilevat li din il-gurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji tinsab cirkoscritta u limitata bil-provvedimenti tal-istess ligi, fosthom ir-raba' subartikolu tal-istess artikolu 469A. Dan is-subartikolu espressament jimponi li d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 469A ma ghandhomx japplikaw meta il-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jigi pprovdut dwaru f'xi ligi ohra.

9. L-eccezzjoni preliminari ta' l-appellanti Awtorita` ta' l-Ippjanar, dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji li jisimghu u jiddeciedu l-mertu tal-kawza odjerna, hija evidentement bazata fuq dan ir-raba' subartikolu tal-artikolu 469A. Dan is-subartikolu effettivament jillimita l-gurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji ta' kompetenza civili biex jistharrgu l-validita` ta' xi ghemil amministrattiv ghal kazijiet fejn ma jkunx provdut b'xi ligi partikolari mod iehor ta' kontestazzjoni jew mod iehor li bis-sahha tieghu jkun possibli l-ksib ta' rimedju effettiv quddiem xi tribunal specjali jew Qorti li l-istess ligi tkun hasbet ghalih.

10. Issa, fil-kaz odjern huwa fatt notorju li hemm ligi specjali li tirregola l-hrug tal-permessi tal-izvilupp,

ezattament l-Att Nru 1 tal-1992, li *inter alia* ikkrejat makkinarju u proceduri *ad hoc* biex wiehed ikun jista' jikkontesta xi decizjoni u jew xi ghemil amministrattiv tal-Awtorita` tal-Ippjanar li bihom wiehed ikun qed ihossu li gie aggravat. Issir riferenza hawn, partikolarment ghat-tribunal independenti, cioe` l-Bord ta' l-Appell dwar L-ippjanar, imwaqqaf bis-sahha tal-Artikolu 14 tal-imsemmi Att tal-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp. Dan il-Bord inghata, *inter alia*, il-gurisdizzjoni specifika li jisma u jiddeciedi appelli maghmulha minn min ikun ihossu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` tal-Ippjanar dwar kull haga ta' kontroll ta' zvilupp, inkluz it-twettiq ta' dak il-kontroll. L-Artikolu 15 jipprovdi wkoll li d-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali, hlief dwar punti ta' dritt decizi mill-istess Bord li minnhom inghata dritt ta' appell lil din il-Qorti ta' l-Appell.

11. Jirrizulta li l-appellat Borg ghamel uzu mill-mod ta' kontestazzjoni ipprovdut b'din il-ligi specjali, cioe` l-att Nru 1 tal-1992. Infatti, rinfaccjat bir-rifjut ghall-permess da parti tal-Awtorita` tal-Ippjanar, huwa intavola appell minn dik id-decizjoni quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fejn naturalment qieghed jipprova jakkwista ghalih innifsu r-rimedju opportun, cioe` l-hrug tal-permess mitlub, bis-sahha tal-organi u l-proceduri indikati f'dik l-istess ligi tal-ippjanar. Il-Qorti tinnota li r-ragunijiet ta' l-appell li tressqu quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar huma simili jekk mhux addirittura indentici ghat-talba principali fic-citazzjoni odjerna, inkwantu tikkoncerna lill-Awtorita` ta' l-Ippjanar. Dan huwa kkonfermat ukoll min-nota ta' sottomissjonijiet tal-appellat Borg li giet prezentata quddiem il-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar u li kopja taghha tinsab a fol 18 tal-process (ta' l-appell) fejn jinghad hekk:
"Illi l-Awtorita` ta' l-Ippjanar qatt ma nforzat il-mizuri kollha mehtiega sabiex jitnehhew boathouses ohrajn illi jinstabu kemm f'Malta kif ukoll f'Ghawdex, inkluzi boathouses fl-istess lokalita` u ftit metri boghod minn dik tal-appellant u li wkoll inbnew fl-istess epoka bhal dik tal-appellant. L-Awtorita` mhix intrapriza privata, u ghalhekk fl-ezercizzju tas-setghat lilha moghtija mil-ligi, din trid timxi b'mod ragonevoli, gust u ekwu u bl-istess 'weights and

measures' kemm ma' min hu b'sahhtu kif ukoll ma' min, bhall-appellant, huwa dghajjef.

Illi ghalhekk kemm-il darba tohrog xi ordni mill-Awtorita` tal-Ippjanar ghat-twaqqiegh tal-kostruzzjoni tal-appellant, u din tigi nfurzata ikun hemm ghemil amministrattiv li jikkostitwixxi abbuz tas-setgha tal-awtorita` pubblika billi dan ikun qed isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti."

12. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, il-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar, ghandu gurisdizzjoni li jiehu debita konjizzjoni ta' l-aggravji li ressaq quddiemu l-appellat Borg. Infatti, din il-Qorti kienet irrimarkat hekk fil-kawza fl-ismijiet "Alex Montanaro nomine vs il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp" moghtija fid-9 ta' Frar 2001:
"Meta fl-investigazzjoni ta' applikazzjoni ghall-permess tal-izvilupp, issir l-allegazzjoni li fl-inhawi diga` jezisti zvilupp bhal dak li qed jintalab permess ghalih, kemm l-Awtorita` u kemm ukoll il-Bord ghandhom, fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, id-dover li jivverifikaw sewwa din l-allegazzjoni. Izda dan mhux fl-ambitu ta' investigazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali, izda unikament fl-ambitu ta' konsiderazzjonijiet tal-ippjanar, u cioe`, biex jaraw jekk, tenut kont tal-izvilupp attwali fl-inhawi tas-sit in kwistjoni, ikunx gust u sewwa li l-permess mitlub jigu akkordat."

13. Illi ghalhekk, fid-dawl ta' dak li ghadu kif intqal fil-paragrafu precedenti, din il-Qorti ma tistax tikkondividi dak li qalu l-atturi appellati fir-risposta tal-appell taghhom meta allegaw li t-talba principali taghhom f'din il-kawza tesorbita mis-setghat moghtija lill-imsemmi Bord. Naturalment it-talba sekondarja li ghamlu l-atturi appellati f'din il-kawza cioe` dik ghad-danni ma tistax wahedha tirradika l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti ghaliex dik it-talba hija intimament konnessa mal-azzjoni principali fil-kawza odjerna u hija din it-talba principali li, se mai ghandha tirradika l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti.

14. Illi ghalhekk din il-Qorti waslet ghal konkluzjoni li, b'applikazzjoni tal-artikolu 469A (4), l-ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex il-gurisdizzjoni li tiddeciedi l-meritu tal-kawza odjerna fil-konfront tal-Awtorita` tal-Ippjanar.

15. Bir-rispett kollu dovut, is-sentenza appellata hija skorretta mhux biss ghaliex injorat kompletament l-imsemmi subartikolu (4) tal-Artikolu 469A tal-Kap 12, izda wkoll ghaliex ma nterpretatx sewwa il-gurisprudenza citata minnha stess. Infatti, naqset li tiddistingwi, fil-konfront tal-aspett gurisdizzjonali, jekk il-proceduri fil-gurisprudenza citata minnha kienux qeghdin jittiehdu ai termini tal-Artikolu 15 (2) tal-Att Nru 1 tal-1992, jew jekk il-proceduri ikunux qeghdin jittiehdu ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap 12, jew addirittura meta l-proceduri jkunu bbazati fuq allegazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fondamentali tal-bniedem protetti mill-Kostituzzjoni kif ukoll bil-Konvenzjoni Ewropea, li bis-sahha tal-Att XIV tal-1987 sostanzjalment tifforma parti integrali mill-legislazzjoni domestika taghna. Ma hemmx ghalfejn li wiehed jenfasizza li dawn it-tlett tipi ta' proceduri gudizzjarji huma regolati b'dispozizzjonijiet legislattivi specifici u allura wiehed dejjem irid jiddistingwi u joqghod attent li ma jhallatx procedura wahda ma' l-ohra.

16. Fl-ahhar nett ghandu jigi notat li s-sentenza appellata affrontat u ddecidiet biss l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni moghtija mill-Awtorita` tal-Ippjanar u ma ddecidietx l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni moghtija mill-konvenut l-iehor cioe` l-Kummissarju tal-Pulizija. Ghalhekk l-atti ghandhom jigu rinvjati lill-ewwel Onorabbli Qorti biex hija tkun tista' tirregola ruhha fid-dawl tad-difiza maghmulha minn dan il-konvenut.

17. Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell u ghalhekk, prevja li tilqa' l-eccezzjoni preliminari ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar li l-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni li tiddeciedi meritu involut fil-kawza odjerna, tirrevoka u thassar is-sentenza in parte moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti fis-16 ta' Mejju 2000. Tordna li l-atti jintbaghtu lura lil dik l-istess

Qorti sabiex il-kawza titkompla skond ma jinghad fil-paragrafu precedenti.

L-ispejjez kemm dawk rigwardanti s-sentenza appellata kif ukoll ta’ din l-istanza jithallsu mill-appellati Pietru Pawl Borg u martu Nancy Borg.

--------------------------------TMIEM--------------------------------